MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2011

Numru. 4/2000

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE GRECH**

**KONTRA**

**KEITH JOSEPH MALLIA ta’ 39 sena, iben Emanuel Mallia u Theresa nee’ Sciberras, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-22.03.0971, residenti fil-fond Golden Gennet, Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 148471M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **KEITH JOSEPH MALLIA** li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar it-13 ta’ Ottubru, 1999 u fil-jiem ta’ qabel, f’Hal-Ghaxaq u bnadi ohra f’Malta f’hinijiet differenti:

Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medincini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Princiapali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolamenti 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli kellu fil-pusses tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Maltal

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta' Ottubru, 1999 u l-jiem ta' qabel, f'Hal-Ghaxaq, u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti, b'xi mod li jkun xjentement ghen jew assista lil

diversi persuni mhux maghrufa, l-awturi tad-delitt, li bihom id-delitt gie pperpetrat jew ikkunsmat, billi baghat diversi ghand l-awturi tad-delitt, sabiex jakkwistaw id-droga eroina;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ttenta jaghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' li jittraffika ammont ta' droga jew hajjar jew gieghel persuni ohra jaghmlu dan ir-reat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 533 tal-Kaptitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet bhala provi primarjament l-istqarrija ta' l-istess imputat, anzi kif gie premess tnejn. In succinct il-ftit li qal l-imputat, kif del resto kien drittu, kien illi kien jixtri d-droga minn hdejn id-Detox, li cheque ghall-ammont ta' Lm72.00 jghajjat lil Mario Zammit misjub ghandu kien sabu hdejn id-dar tieghu. Qal illi l-komunikazzjonijiet li kien ikollu ma' diversi zghazagh kienu biss intizi ghal self ta' Play Station. Innega li hu kien ibiegh id-droga eroina. Qal pero li lilu kienu jcemplulu nies fuq il-mobile tieghu, u hu kien jibaghthom ghand min kien jaf illi ghandu d-droga. Dawn in-nies kien jibaghthom fil-Gnien ta' Hal-Tarxien, Rahal Gdid gewwa l-Pjazza, u l-Fgura. Qal illi dawn in-nies qatt ma tawh xejn, kien jaghmel hekk biex jehles minnhom. Mistoqsi ghalfejn allura kienu jcemplu lilu, wiegeb ghax il-persuna l-ohra (il-bejjiegh jew supplier biex wiehed jifhem), ma kellux mobile, allura ma kellhomx fejn isibuh. Qal illi dan kien jaghmlu, cioe' jindika minn fejn setghu jakkwistaw id-droga, ghax kienu jcemplulu u jdejquh. Kien jibaghtom ghand din il-persuna ghax kienu jcemplulu, kienu jdejquh u li kienu jaf li kien ibiegh, ghalhekk jehles minnhom. Kien jaf illi din il-persuna kien tbiegh id-droga ghax sema' hekk minghand in-nies. Qal ukoll illi gieli ra lil din il-persuna tixtri minghand min kien jixtri hu. Qal ukoll illi kien jaf illi n-nies li kien jibghat kienu fil-fatt jinqdew. Dan kien jarah b'ghajnejh stess.

Xehdu wkoll certu Charles Camilleri li anke gie dikjarat bhala xhud ostili, ghalhekk giet anke ezebita l-istqarrija minnu rilaxxata, dan ghall-kontroll. Fil-fatt fl-istqarrija qal illi hu kien akkompanja lil certu Patrick Mangion biex dan jixtri d-droga minghand certu Nammu. Marru ghalhekk Hal-Ghaxaq ghal dan l-iskop. Viva voce b'cerut riluttanza, xehed illi hu u Patrick kineu sejrin jixtru d-droga minghand in-Nammu. Jghid illi ghand dan hadu Patrick u li dan in-Nammu joqghod Hal-Qormi.

Minn naha tieghu Patrick Mangion xehed illi sab wiehed ibaghti b'depression li talbu jiehdu dawra. Hekk ghamel. Dan talbu biex jiehdu Hal-Qormi biex igib xi pirmli. Hadu hemm u gew imwaqqfa mill-pulizija. Jghid li darba Hal-Qormi waqfu hdejn id-dar ta' certu Nammu gewwa Hal-Ghaxaq. Jghid illi kien dan cerut z-Zizz, li fil-fatt ried li jmur ghand dan in-Nammu, dan biex igib xi pirmli, specifikatament valium.

L-Ispettur Josric Mifsud xehed ukoll illi l-imputat meta kien investigat mill-pulizija, kien ikkolabora mal-pulizija, tant illi kien ta dettalji dwar nies involuti fit-traffikar tad-droga, tant illi kienu anke ttiehdu proceduri kontra xi nies. Iddikkjara fil-fatt illi l-imputat kien ikkolabora hafna mal-pulizija (folio 121).

Xehed anke l-imputat minn jeddu dwar dak illi qal fl-istqarrijiet (ibid). Qal mistoqsija dwar dak li qal li kienu jcemplulu xi nies u kien jibaghthom ghand haddiehor (bl-intiz illi jixtru d-droga), wiegeb ma nahsibx. Anzi qal illi dakinhar li kien id-Drug Squad, daru mieghu l-Ispettur u zewg pulizija ohra li bdew jghidulu hafna domandi u kull ma jaf illi dak il-hin beda jghidilhom iva. Qal illi hu droga qatt ma biegh. Ikkonferma li kien jislef loghob tal-Play Station. Jghid fill-fatt illi kellu kwazi gradenza shiha mimlija bl-affarijiet tal-Play Station.

Xehed illi l-istqarrijiet damu hafna, it-tnejn, tant illi darba minnhom ghamel lejl shih. Xehed illi anke kien bil-guh. Xehed illi meta saret search go daru, ma sabu ebda droga.

Xehed ukoll illi waqt l-interrogatorju pulizija beda jghidlu li jekk jixhed li kien ibiegh id-droga, kien jitilqu. Anke li jekk jammetti li kien qed ibiegh id-droga ma kienx ser itellghu l-Qorti. Qal ukoll illi kien ghadu jghin lill-pulizija sal-gurnata li xehed.

Qal li ma kienx jiftakar li qal id-diskors fl-istqarrija li kienu jcemplulu u jibaghthom ghand haddiehor ghad-droga. Xehed illi waqt l-istqarrija kien maghfus hafna, u li qal dan id-diskors ghax kien maghfus hafna u ghax kien imwiegheb li jekk jghid hekk ma kinux ser itellghuh il-Qorti.

In kontro ezami kkonferma li l-istqarrijiet ghamilhom wara li gie moghti d-debita twissija, li meta qal illi dam fihom il-lejl kollu, fil-fatt dam sal-hdax ta’ bil-lejl, li kien jaf jaqra u li ghazel ili jiffirmahom minn jeddu wara li qrahom. Spjega issa li ffirma ghax ried jitlaq ghax kellu l-mara pregnant. Mistoqsi min beda jwieghdu li ma kienx ser jitressaq, wiegeb zewg pulizija fil-presenza ta’ l-istess Ufficjal Prosekutur. L-Ispettur ghalhekk staqsa lill-imputat jekk moghti t-twissijiet u wara li qara l-istqarrija, nonostante dak minnu allegat, cioe’ li gie mgieghel jaghmel stqarrija falza, ghaliex iffirma, l-imputat wiegeb “Iffirmajt jiena biex nitlaq….” (folio 151).

Qal ukoll in ri-ezami illi ma setax jiddistingwi bejn l-Ispettur u l-pulizija l-ohra prezenti minn beda jghidlu d-diskors tal-wieghda. Qal anzi li kienu anke bdew jitkellmu t-tlieta jew erbgha f’daqqa. B’dan li skond l-imputat it-theddida kienet li kienu ser iressquh bi traffikar ta’  droga.

Zied ukoll illi wiehed mill-pulizija sahansitra qallu li jekk jiffirma l-statement, ukoll ma kienx ser iressqu.

Rega’ kkonferma li t-tieni statement ghamlu ghax kien maghfus hafna “…domandi, wahda gol-ohra” folio 158.

Qal ukoll illi l-pulizija wieghduh issa li jekk jghinhom ukoll ma kinux ser iressquh il-Qorti. Qal illi fil-fatt ghalhekk ghenhom biex ma jitressaqx.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok ghandu jigi premess illi ngabu diversi xhieda ohra fil-konfront ta’ l-imputat, pero dan fil-konfront ta’ allegat ksur tal-Liberta’ Provizorja – ghalhekk in kwantu hekk ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-akkuzi dedotti, anke in kwantu ghaz-zmien li fihom graw.

Illi l-Qorti ftit ghandha xi tghid dwar il-provi fil-mertu li gew prodotti – fil-fatt ma ngabet ebda prova diretta ta’ terz li l-imputat kien qieghed jittraffika, ibiegh jew iforni d-droga, lanqas fil-fatt li kien fil-pussess ta’ xi dorga. Certament ex-admissis mill-istqarrija (it-tieni) ta’ l-imputat, jirrizulta li huwa ghal diversi drabi, ma’ diversi nies differenti mhux ghalina maghrufa, ghen billi baghat lill-istess ghand terz biex b’hekk minghandu tigi akkwistata d-droga.

Kien ghalhekk u biss minhabba din l-istqarrija li l-imputat minn jeddu ha l-pedana u issa jrid li jitwemmen illi dan qalu biex ghaliex gie mgieghel, maghfus, kien imdawwar b’erba’ pulizija kollha jitkellmu b’daqqa, kien bil-guh u anke tard bil-lejl, u fuq kollox ghax kien qieghed jigi ssikkat li jghid li kien qed jitraffika d-droga bil-wieghda li ma jitressaqx il-Qorti. Allura wiehed ghandu jikkonkludi li tressaq il-Qorti ghaliex m’ammettiex it-traffikar, dan nonostante li kien biss qed jassisti lit-traffikant principali billi jibaghtlu n-nies ghaliex ried jehles minnhom u ghax kien donnu l-agent ta’ dan it-traffikant, dawn in-nies kienu jcemplu lilu!!!

B’dan kollu din il-pressjoni donnu jew ma hassiex fl-ewwel stqarrija ,jew ma saritlux!!!

Frankamenet hija l-opinjoni u l-fehma soda ta’ din il-Qorti li Keith Joseph Mallia kien veritjier biss fit-tieni stqarrija u meta xehed viva voca quddiem din il-Qorti, gab hafna skuzi fjakki biex igib fix-xejn dak li kien qal waqt l-investigazzjoni. Issa l-imputat allura ben konsapevoli li anke li tibghat, tassisti, u tiffacilita x-xiri tad-droga, huwa reat serju, m’hemmx ghalfejn u unikament li tigi traffikata, allura prova jiskolpa ruhu.

Ghaldaqstant tqis l-akkuzat hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu, ghajr ghat-tieni akkuza ta' pussess aggravat, u dan wara li rat l-Artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 21(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1)(B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292.1939;
Dwar il-piena tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn(2) u nofs u ghal multa ta' €2,330

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------